MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 51/2019 LM

**Elmo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Juan Ameen**
*("is-soċjetà appellanta")*

***vs.***

**Rose Parnis u permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Mejju, 2013, ġiet kjamata in kawża s-soċjetà Untours Insurance Agents Limited bħala aġent tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company Limited u permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Mejju, 2014 ġie kjamat in kawża Clive Parnis**
*("l-appellati")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Elmo Insurance Limited (C 3500)**, hawnhekk "is-soċjetà appellanta", hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Juan Ameen, wara lodo arbitrali mogħti mit-

Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fit-30 ta' Mejju, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li,

> *"Għal dawn il-motivi l-Arbitru tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-kjamata in kawża Untours Insurance Agency Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju; tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Clive Parnis u tiddikjara li l-proċediment huwa preskritt fil-konfront tal-istess Clive Parnis; tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimata Rose Parnis u tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tagħha u tiddikjara li ma ġiex ippruvat li l-intimata Rose Parnis kienet qed issuq il-vettura DAP-838 fil-ħin tal-inċident; u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż tal-kjamati in kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetà rikorrenti; filwaqt li r-rikorrenti u l-intimata għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż rispettivi tagħhom."*

## Fatti

2. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal wara inċident *hit and run* li seħħ ġewwa l-Bajja ta' Spinola, San Ġiljan, fis-27 ta' Novembru, 2011, bejn vettura pparkjata bin-numru ta' reġistrazzjoni PHI 025, proprjetà tal-assigurata tas-soċjetà rikorrenti, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAP 838, proprjetà tal-intimata. L-ammont ta' danni kkawżati f'dan l-inċident fil-vettura tal-assikurata tas-soċjetà rikorrenti kien ta' elf, ħames mija u sitt Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€1,506.98). Permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat mis-soċjetà rikorrenti, hija talbet illi jiġi dikjarat li l-intimata hija unikament responsabbli għall-imsemmi inċident u għad-danni kollha konsegwenzjali li rriżultaw minnu; li jiġu likwidati d-danni fis-somma ta' €1,506.98; u li l-intimata tiġi kkundannata tħallas id-danni kif likwidati, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali.

**Mertu**

3. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li f'dan l-inċident *hit and run* bejn vettura wieqfa (PHI 025) u l-vettura misjuqa mill-intimata, ġew ikkawżati danni sostanzjali li għamlet tajjeb għalihom is-soċjetà rikorrenti minħabba li l-assikurata tagħha kienet koperta b'polza tat-tip *fully comprehensive.* Is-soċjetà rikorrenti spjegat ukoll li minkejja li hija kienet interpellat lill-intimata għall-ħlas tad-danni kkawżati, l-intimata baqgħet inadempjenti, u kien għalhekk li kellhom jinbdew dawn il-proċeduri.

4. Fir-risposta tagħha l-intimata eċċepiet li hija ma kinitx involuta fl-inċident inkwistjoni u għalhekk hija kienet ġiet imħarrka inutilment. Qalet li hija mhijiex is-sid reġistrat tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAP 838 li ġie allegat li kienet involuta fl-inċident, u l-intimata ma saqitx u ma kinitx qiegħda ssuq il-vettura inkwistjoni fil-ħin meta seħħ l-inċident.

5. L-intimata Rose Parnis eċċepiet in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal tal-Arbitraġġ stante li hija ma kinitx involuta f'kolliżjoni bejn vetturi u lanqas ikkaġunat ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi vetturi. Eċċepiet ukoll li mhijiex leġittima kontradittriċi tat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u għalhekk għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Ġie eċċepit ukoll li fil-mertu, it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha, peress li l-intimata ma kinitx qiegħda ssuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAP 838 fil-ħin tal-inċident, kif ukoll li s-soċjetà rikorrenti għandha tipprova dak kollu allegat minnha sal-grad rikjest mil-liġi.

6. It-Tribunal sema' diversi xhieda, fosthom lill-**PS 928 Ramon Mifsud Grech**, li xehed li huwa kien investiga l-inċident inkwistjoni. Dan ix-xhud qal li l-assikurata tas-soċjetà rikorrenti, Juan Ameen, kellha l-vettura tagħha pparkjata ġewwa Spinola Road, San Ġiljan, u xħin irritornat ħdejn il-vettura tagħha, sabet li din kellha ħsarat estensivi fil-*bumpers* ta' quddiem, fil-bibien u fil-*mudguards.* Ix-xhud spjega li xi ħadd kien ħallielha karta mwaħħla mal-*windscreen,* fejn kien hemm miktub li l-inċident ġie kkawżat minn vettura tat-tip Mercedes ta' lewn blu skur, bin-numru ta' reġistrazzjoni DAP 838. Ix-xhud qal li Ameen kienet tatu xi partijiet tal-vettura l-oħra li kienu mwaħħla mal-vettura tagħha, liema partijiet kienu ta' vettura Mercedes. Ix-xhud qal li meta mar fuq il-post huwa sab raġel ma jafux, li rrimarka dwar is-sewwieq ta' vettura Mercedes, u indikalu li dan kien żagħżugħ samrani b'xagħru twil. Kompla jgħid li mill-indaġini li għamel, irriżultalu li l-vettura hija proprjetà ta' ċertu Victor Parnis, iżda meta stabbilixxa kuntatt mas-sid tal-vettura, dan qallu li huwa kien ilu rikoverat ġewwa l-Isptar Monte Carmeli diversi snin, u l-vettura inkwistjoni kienet tintuża mill-mara u mit-tifel tiegħu. Ix-xhud żied jgħid li kien għalhekk li ċempel lill-mara ta' Victor Parnis, l-intimata, li mill-ewwel ammettiet li kienet hi li kienet qiegħda ssuq il-vettura, u li kienet laqtet vettura oħra u baqgħet sejra. Ix-xhud qal li huwa qal lill-intimata biex tmur l-għassa ta' San Ġiljan dak il-ħin stess, iżda din baqgħet ma marritx, u għalhekk ftit tal-ġranet wara kkuntattjawha l-Pulizija mill-għassa tan-Naxxar dwar dan l-inċident. Ix-xhud qal li din id-darba l-intimata ċaħdet l-allegazzjonijiet, u ċaħdet ukoll li kienet kellmet lill-Pulizija mill-għassa ta' San Ġiljan, u li kienet involuta f'inċident. Dan ix-xhud qal li l-intimata talbet lill-Pulizija li mar ikellimha sabiex

jara l-vettura fid-*drive-in,* iżda meta l-vettura ma nstabitx hemmhekk, hija dehret sorpriża. Qal li l-Pulizija kienet ġiet infurmata li l-vettura Mercedes DAP 838 la kellha l-liċenzja mħallsa u lanqas polza tal-assigurazzjoni. Qal li huwa reġa' ċempel lill-intimata xi jumejn wara, u din qaltlu li kienet ammettiet li kienet involuta f'inċident għaliex meta kellimha l-ewwel darba hija kienet rieqda u nfixlet. Ix-xhud qal li l-intimata għandha tifel li jismu Clive Parnis, u d-deskrizzjoni tiegħu taqbel mad-deskrizzjoni mogħtija mill-persuna li kien kellmu fil-post tal-inċident.

7. Meta ntalbet il-kjamata fil-kawża ta' **Clive Parnis**, iben l-intimata Rose Parnis, dan wieġeb li huwa ma jaħti xejn għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u li m'għandu jagħti l-ebda ammont bħala danni. Qal li huwa mhux leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex it-talbiet huma indirizzati lil ommu Rose Parnis, u kompla jgħid li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti fil-konfront tiegħu huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16. Żied jgħid li huwa m'għandu jagħti xejn lis-soċjetà rikorrenti.

8. **Juan Ameen**, l-assigurata tas-soċjetà rikorrenti, xehdet li hija kienet ipparkjata fi Triq Spinola, San Ġiljan, ftit 'il bogħod mill-Cavalieri Hotel, u xħin irritornat ħdejn il-vettura tagħha sabet karta mwaħħla mal-*windscreen* u l-bieba tax-xufier b'daqqa, u rrealizzat li kellha l-ġenb tal-vettura tagħha kollu ħsara. Qalet li mal-art, in-naħa tal-*bumper* ta' quddiem kien hemm biċċiet tal-plastik ta' lewn blu skur, u parti minn *bumper* ta' vettura oħra. Spjegat li dak il-ħin hija saqet lejn l-għassa ta' San Ġiljan, minkejja li indunat li kellha anki *puncture* fuq in-naħa ta' wara tal-vettura.

9. Rappreżentant ta' Transport Malta, **Stephen Cachia**, xehed li ma sab l-ebda *record* dwar l-assiguratriċi tal-vettura DAP 838, għaliex l-aħħar liċenzja tagħha kienet tħallset fis-sena 2002. Qal li l-vettura kienet reġistrata fuq Victor Parnis, u din kienet ġiet *scrapped* fl-2014.

10. L-intimata **Rose Parnis** xehdet li fiż-żmien meta seħħ l-inċident hija kellha bżonn tieħu xi kalmanti biex torqod. Qalet li l-vettura Mercedes DAP 838 hija proprjetà tar-raġel tagħha, u fiż-żmien meta seħħ l-inċident hija u r-raġel tagħha kienu qegħdin jisseparaw. Kompliet tgħid li l-vettura inkwistjoni kienet tinstaq biss mir-raġel tagħha, u binha Clive kien għad għandu sittax-il sena, filwaqt li t-tifla tagħha ma kinitx issuq il-Mercedes. Qalet li dak iż-żmien żewġha kien safa mkeċċi mid-dar, u l-vettura kienet fil-pussess tar-raġel tagħha. Spjegat li kienu ċemplulha l-Pulizija billejl u staqsewha jekk kinitx ħabtet bil-Mercedes, u hija kkonfermat. Imma l-intimata qalet li dakinhar kienet diġà ħadet il-mediċina li kellha bżonn biex torqod, u għalhekk wara ftit ħin ikkoreġiet ruħha u infurmat lill-Pulizija li l-vettura inkwistjoni kienet għand ir-raġel tagħha. L-intimata qalet li dak iż-żmien hija ma kinitx ser tissogra tmiss il-vettura tar-raġel tagħha, u li diġà kien hemm inċident separat meta r-raġel kien ipprova jaħarqilha d-dar. Qalet li għalhekk jista' jkun li għal xi żmien il-liċenzja ta' din il-vettura kienet fuqha għaliex kienet tibża' li r-raġel tagħha jista' jaħraq il-karozza kif kien ħaraq id-dar.

## Id-Deċiżjoni Appellata

11. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fit-30 ta’ Mejju, 2019, it-Tribunal laqa’ l-eċċezzjoni tal-kjamata in kawża Untours Insurance Agency Limited u lliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju; laqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Clive Parnis u ddikjara li l-proċediment huwa preskritt fil-konfront tiegħu; ċaħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimata Rose Parnis u laqa’ t-tielet u r-raba’ eċċezzjoni tagħha u ddikjara li ma ġiex ippruvat li l-intimata Rose Parnis kienet qed issuq il-vettura DAP 838 fil-ħin tal-inċident; u ċaħad it-talbiet kollha tar-soċjetà rikorrenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“Illi l-ewwelnett għandhom jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimata u mill-kjamati in kawża, liema eċċezzjonijiet ser jiġu kkunsidrati a bażi tar-rilevanza f’dawn il-proċeduri.*

***Nuqqas ta’ kompetenza tat-Tribunal tal-Arbitraġġ***

*Illi l-intimata eċċepiet in-nuqqas ta’ kompetenza tat-Tribunal tal-Arbitraġġ stante li hija ma kinitx involuta f’kolliżjoni bejn vetturi u lanqas ikkaġunat ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi vetturi.*

*Illi skont l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba’ Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ, għandhom jiġu determinati f’arbitraġġ:-*

***Tilwimiet dwar it-Traffiku ta’ Vetturi bil-Mutur.***

*Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x’taqsam ma’ talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:*

*(a) Kolliżjoni bejn vetturi, jew*
*(b) Ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(c) Talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja,* underwriter *approvat mill-Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur*

*għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assikurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*

*(d) Li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87),"*

*għandhom jiġu determinati f'arbitraġġ mandatorju.*

*Illi hekk kif determinat mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-appell fl-ismijiet:* ***Elmo Insurance Limited vs Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar*** *(Appell numru 432/2014 AE): "biex tiġi determinata l-ewwel eċċezzjoni (dwar il-kompetenza tat-Tribunal tal-Arbitraġġi) ma kienx rilevanti tort ta' min seħħ l-inċident tat-traffiku. F'eċċezzjoni ta' kompetenza m'għandux jiġi deċiż il-mertu ... Il-ħtija għall-aċċident tat-traffiku mhijiex il-fattur li tiddetermina eċċezzjoni ta' kompetenza ... L-inċident tat-traffiku hu l-fattur rilevanti għall-finijiet ta' determinazzjoni dwar jekk kellux isir arbitraġġ mandatorju."*

*Illi fil-każ odjern m'hemmx dubju li d-danni reklamati mis-soċjetà rikorrenti huma riżultat ta' inċident tat-traffiku, ossija ta' kolliżjoni bejn żewġ vetturi. Għalhekk a bażi tal-insenjament tal-Qorti kif ċitat, dan it-Tribunal għandu l-kompetenza biex jiddeċiedi din il-vertenza.*

*Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimata Rose Parnis qed tiġi miċħuda.*

***Preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.***

*Illi l-kjamat in kawża Clive Parnis eċċepixxa l-preskrizzjoni fil-konfront tiegħu ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont dan l-Artikolu:*

"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn".

*Illi l-inċident in kwistjoni seħħ fis-27 ta' Novembru, 2011. Clive Parnis ġie kkjamat fil-kawża permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Mejju, 2014 u jidher li l-atti ntbagħtu lili fil-5 ta' Ġunju 2014. B'hekk jidher li kienu skorrew sew is-sentejn mid-data tal-inċident. Mhux biss iżda fin-*Notice of Arbitration *u l-i*Statement of Claim *hemm riferenza għal ittra uffiċjali mibgħuta fit-12 t'April, 2012, liema ittra uffiċjali però ma ġietx preżentata u hemm indikat f'dawn l-atti li kienet "*filed against her*" (b'riferenza għall-intimata Rose Parnis)* on the 12th April, 2012 and served on her insurers Untours Insurance Agents Limited as agents of the foreign insurer Qatar Insurance Company." *B'hekk jidher li l-ewwel darba li Clive Parnis ġie notifikat bl-atti in kwistjoni, kien aktar minn sentejn u nofs wara l-akkadut.*

*It-Tribunal jibda l-kunsiderazzjoni tiegħu b'riferenza għall-ġurisprudenza in materja fosthom il-każ:* ***Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et*** *(Ċitazzjoni numru 353/05), deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju, 2013, fejn ingħad hekk:*

"Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art. 2154(1) tal-Kap. 16); (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt ('l hekk imsejħa 'culpa aquiliana'), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;

...

Illi għalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (ara per eż. "**Calafato vs Muscat**", deċiża fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "**Naudi vs Zammit**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "**Calleja vs Xuereb**", deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982)."

*Illi in effetti fil-kawża odjerna, il-preskrizzjoni applikabbli mhijiex dik ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, iżda dik stabbilita fl-artikolu 2154 tal-istess Kap: "(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."*

*Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet:* ***Isabelle u Norman konjugi Borg, illum legalment separati u t-tifel tagħhom Lucan Borg, bħala werrieta tal-mejjet Jody Borg vs Robert Galea u George Serracino*** *datata 3 ta' Marzu, 2011, ġie ritenut is-segwenti: "L-ewwel qorti korrettement irriteniet li biex jiġi determinat jekk għemil hux reat jew le ma hux meħtieġ li jkunu ttieħdu proċeduri kriminali u jekk l-għemil in kwistjoni jkun oġġettivament jammonta għal reat allura dak l-aġir xorta jkun reat kopert għall-fini tal-preskrizzjoni bl-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili."*

*Illi għalhekk ai termini tal-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili r-regoli tal-preskrizzjoni rilevanti u applikazzjoni għall-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili huma r-regoli naxxenti mill-Kodiċi Kriminali.*

*Illi fiċ-ċirkostanzi in diżamina hu l-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) li għandu jiddetermina l-perijodu preskrittiv, stante li dan jindirizza l-pieni relattivi għad-danni involontarji (li ġew ikkawżati mill-*hit and run*). Skont dan l-artikolu persuni ħatja li kkawżaw danni involontarji, f'każ ta' ħtija, huma soġġetti għal piena ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravenzjonijiet.*

*Illi skont l-Artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali "l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni (e) bl-għeluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet."*

*Illi għalhekk jirriżulta illi anke ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), it-terminu preskrittiv fil-każ odjern, huwa ta' sentejn. In vista tal-fatt li ddekorra l-perijodu ta' sentejn mid-data tal-inċident sad-data tal-ewwel notifika tal-kjamat in kawża Clive Parnis, il-proċeduri huma preskritti fil-konfront tal-istess Clive Parnis.*

***L-Assigurat Awtorizzat***

*Illi l-kjamata in kawża Untours Insurance Agency Limited eċċepiet li mhijiex responsabbli stante li l-intimata ma kinitx koperta bil-polza tal-assikurazzjoni meta seħħ l-inċident.*

*Illi dwar ir-responsabbilità ta' soċjetà assikurattiva, l-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, jistipula li:* "Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu *(l-azzjoni diretta kontra l-assiguratur awtorizzat):* (ċ) b'effett ta' responsabbilità jekk qabel ma jiġri l-fatt li jkun ikkaġuna l-mewt jew l-offiża fuq il-persuna jew ħsara lil proprjetà illi tagħti lok għal din ir-responsabbilità, il-polza kienet ġiet imħassra mill-partijiet bil-kunsens ta' xulxin jew bis-saħħa ta' kondizzjoni fl-istess polza ...".

*Illi skont iċ-ċertifikat anness mar-Risposta tas-soċjetà kjamata in kawża jirriżulta li l-assigurazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni skadiet fit-30 t'April, 2011. Għalhekk is-soċjetà kjamata in kawża Untours Insurance Agency Limited ma kinitx l-assiguratur awtorizzat u responsabbli għall-vettura DAP-838 fid-data tal-akkadut, ossia fis-27 ta' Novembru, 2011.*

***Il-Meritu***

*Illi, in suċċint, ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimata, Rose Parnis, tiġi dikjarata responsabbli għall-inċident in kwistjoni, liema inċident kien ta' natura* hit and run *u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti.*

*Illi mill-provi jirriżulta li meta Juan Ameen irritornat ħdejn il-vettura tagħha li kienet ipparkjata fi Triq Spinola, San Ġiljan, sabet li l-vettura tagħha ntlaqtet; sabet ukoll biċċiet ta' parts ta' vettura oħra; u sabet nota anonima li ndikatilha li ħabtet fiha l-vettura DAP-838 tal-għamla Mercedes.*

*Illi mill-investigazzjoni tal-Pulizija jidher li x'ħin mar fuq il-post, persuna li l-Pulizija ma identifikahiex tatu deskrizzjoni tas-sewwieq ossia "żagħżugħ samrani b'daqsxejn xagħru twil". Irriżultalu wkoll li l-vettura DAP-838 kienet reġistrata f'isem Victor Parnis, li però meta ġie kkuntattjat għarrfu li huwa kien jinsab rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli. Għalhekk ċempel lill-intimata Rose Parnis u hija qaltlu li kienet hi li qed issuq il-vettura. Sussegwentement Rose Parnis qalet li hija tieħu l-kalmanti u x'ħin ċemplilha l-Pulizija kienet rieqda u ma kinitx taf x'qed tgħidlu. Huwa sab ukoll li hija għandha tifel li mir-ritratt li kellu jidher li jikkorrispondi mal-identifikazzjoni mogħtija mill-*passer-by. *Minkejja li l-Pulizija bagħtet għall-intimata, hija naqset li tmur l-Għassa u huwa qatt ma vverifika jekk il-vettura Mercedes kellhiex ħsarat.*

*Da parti tagħha l-intimata tgħid li hija ma ssuqx din il-Mercedes u lanqas it-tifel ma taf li jsuqha. Qalet ukoll li ħarġet l-assikurazzjoni ta' din il-vettura f'isimha, minkejja li din il-karozza hija rreġistrata f'isem żewġha, għax beżgħet li żewġha kien ser jiġi jaħraq il-karozza, kif kien diġà għamel bid-dar.*

*Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti stess jidher li s-sewwieq tal-vettura DAP-838 fil-ħin tal-inċident kien raġel żagħżugħ u mhux l-intimata Rose Parnis. Mill-premessi jidher li r-rikorrenti qed jibbażaw it-talba tagħhom fil-konfront tal-intimata a bażi tal-fatt li l-vettura DAP-838, kienet "*driven by respondent*", (fatt li jirriżulta li ma seħħx) u mhux fuq ir-responsabbilità tal-intimata Rose Parnis bħala s-sid tal-vettura. Għalhekk ma tistax tinstab ħtija fl-intimata bħala s-sewwieq tal-vettura fil-ħin tal-inċident.*

***Konklużjoni***

*Għal dawn il-motivi l-Arbitru tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-kjamata in kawża Untours Insurance Agency Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju; tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Clive Parnis u tiddikjara li l-proċediment huwa preskritt fil-konfront tal-istess Clive Parnis; tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimata Rose Parnis u tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tagħha u tiddikjara li ma ġiex pruvat li l-intimata Rose Parnis kienet qed issuq il-vettura DAP-838 fil-ħin tal-inċident; u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż tal-kjamati*

*in kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetà rikorrenti; filwaqt li r-rikorrenti u l-intimata għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż rispettivi tagħhom."*

## **L-Appell**

12. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat l-appell tagħha fl-14 ta' Ġunju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... takkolji dan l-appell u tgħaddi sabiex tirrevoka d-deċiżjoni arbitrali tat-30 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet premessi fejn, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-kjamat in kawża Clive Parnis, tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet kollha mressqa mill-appellanti fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess kjamat in kawża għajr għal dawk tal-kjamat in kawża Untours Insurance Agents Limited noe li, fid-dawl tal-gravam tagħha, għandhom ikunu a karigu tal-istess Untours Insurance Agents Limited noe."*

13. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex: (i) it-Tribunal naqas milli jikkonsidra s-sottomissjonijiet imressqa mis-soċjetà appellanta rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamat in kawża Clive Parnis, u konsegwentement, iddikjarat l-azzjoni preskritta fil-konfront ta' Clive Parnis; is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal kellu jasal għal deċiżjoni opposta minn dik li wasal għaliha, fis-sens li t-talba tal-appellanta għall-kjamata fil-kawża ta' Clive Parnis saret *entro* t-terminu stipulat mil-liġi għat-tressiq ta' azzjoni bħal din; u (ii) in linea sekondarja, l-appellanta m'għandhiex tbati l-ispejjeż ġudizzjarji u legali tal-kjamata fil-kawża tas-soċjetà Untours Insurance Agents Limited noe u dan in vista tal-fatt illi s-soċjetà Untours Insurance Agents Limited qatt ma tat tagħrif

lis-soċjetà appellanta dwar jekk fid-data meta seħħ l-inċident, l-appellata kinitx koperta b'polza viġenti.

14. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fis-27 ta' Novembru, 2011, fi Triq Spinola, San Ġiljan bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni PHI 025, proprjetà tal-assigurata tas-soċjetà appellanta, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAP 838, proprjetà ta' Victor Parnis. Is-soċjetà appellanta qalet li dakinhar stess li seħħ l-inċident, is-sid tal-vettura assigurata magħha, Juan Ameen, għamlet rapport l-għassa ta' San Ġiljan dwar l-inċident, għaliex mal-*windscreen* kienet sabet karta bin-numru ta' reġistrazzjoni DAP 838 tal-vettura li baqgħet dieħla fiha ftit qabel. Ameen tat lill-Pulizija xi partijiet tal-vettura l-oħra li kienu baqgħu mwaħħlin mal-vettura tagħha, u mill-indaġini li għamlet il-Pulizija rriżulta li dawn il-partijiet kienu ta' vettura Mercedes. Kien hawnhekk li l-Pulizija kkonfermaw li l-vettura DAP 838 kienet Mercedes ta' lewn blù skur u s-sid reġistrat tagħha kien ċertu Victor Parnis min-Naxxar. Meta sar kuntatt ma' Parnis, dan informa lill-Pulizija li hu kien ilu rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli diversi snin u l-vettura inkwistjoni kienet fil-pussess tal-mara tiegħu, l-intimata Rose Parnis. Is-soċjetà appellanta spjegat li dakinhar stess il-Pulizija kkuntattjaw lil Rose Parnis, li ammettiet li kienet hi li kienet qiegħda ssuq il-vettura inkwistjoni u li kienet laqtet vettura oħra waqt is-sewqan. Minkejja li l-Pulizija talbu lill-istess Rose Parnis tmur l-għassa ta' San Ġiljan sabiex ikellmuha, din naqset milli tagħmel dan, u għalhekk jumejn wara Pulizija mill-għassa tan-Naxxar marru jkellmu lill-intimata d-dar tagħha. Dakinhar l-intimata kienet tat l-impressjoni li

kienet sorpriża li l-vettura involuta fl-inċident ma kinitx ipparkjata fid-*drive-in* tad-dar, u qalet ukoll lill-Pulizija li mhux minnu li fis-27 ta' Novembru, 2011 filgħaxija hija kienet qiegħda ssuq il-vettura jew kienet involuta fl-inċident, u qalet li fil-ħin li ċemplulha l-Pulizija hija kienet rieqda u għalhekk kienet mifxula meta infurmathom li kienet hi li qiegħda ssuq il-Mercedes u baqgħet dieħla f'vettura pparkjata. Is-soċjetà appellanta qalet li l-proċeduri arbitrali ġew istitwiti kontra l-intimata Rose Parnis abbażi tar-rapport tal-Pulizija, u kien biss fir-risposta tagħha għall-proċeduri arbitrali li Parnis eċċepiet li hija bl-ebda mod ma kienet involuta fl-inċident inkwistjoni, u dan mingħajr ma qalet min kien is-sewwieq tal-vettura fil-ħin tal-inċident. Kompliet tgħid li kien għalhekk li ntalbet il-kjamata fil-kawża tas-soċjetà assikurattiva Untours Insurance Agency Limited, sabiex a tenur tal-Kap. 104 tirrispondi direttament għat-talbiet tas-soċjetà appellanta, partikolarment minħabba li din is-soċjetà assikurattiva qatt ma tat tagħrif dwar jekk il-vettura tal-intimata kellhiex polza viġenti fiż-żmien meta seħħ l-inċident. Is-soċjetà appellanta qalet li kien biss waqt id-depożizzjoni tas-Surġent tal-Pulizija Ramon Mifsud Grech li hija saret taf li l-intimata għandha tifel jismu Clive Parnis li jaqbel mad-deskrizzjoni mogħtija mill-*passer-by* li għadda xi dettalji dwar is-sewwieq ta' vettura Mercedes fl-inħawi fejn seħħ l-inċident. Is-soċjetà appellanta stqarret li isem Clive Parnis ma jirriżultax mill-okkorrenza relattiva, iżda hekk kif saret taf b'din l-informazzjoni waqt waħda mill-udjenzi li nżammet quddiem it-Tribunal, talbet il-kjamata fil-kawża tal-istess Clive Parnis *seduta stante.* Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-artikolu 2139 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Is-

soċjetà appellanta tgħid li mhijiex tikkontesta li l-perijodu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' sentejn, kif stabbilit mit-Tribunal, iżda li dan il-perijodu ma bediex jiddekorri mid-data tal-inċident, imma mid-data meta hija saret taf bl-involviment ta' Clive Parnis, jiġifieri minn dakinhar li xehed il-PS 928 Ramon Mifsud Grech fil-proċeduri arbitrali. Is-soċjetà appellanta spjegat li waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija, *a tempo vergine* Rose Parnis ammettiet l-involviment tagħha fl-inċident inkwistjoni, iżda kien biss mid-depożizzjoni tal-uffiċjal tal-Pulizija li s-soċjetà appellanta saret taf min kien verament qiegħed isuq il-vettura.

15. Is-soċjetà appellanta tistqarr li f'dan il-każ mhux meħtieġ li tiġi ppruvata t-traskuraġni tal-kjamat fil-kawża, għaliex min-natura tal-inċident innifsu wieħed jista' jikkonkludi li l-kjamat fil-kawża kien responsabbli għal dan l-inċident. Żiedet tgħid li għalhekk ladarba ġie stabbilit li l-vettura milquta kienet ipparkjata, u l-vettura misjuqa mill-kjamat in kawża ħabtet ġo fiha, dan il-fatt waħdu jrendi lil Clive Parnis responsabbli għall-akkadut. L-appellanta qalet ukoll li Clive Parnis ma ressaq l-ebda prova sabiex jinħeles mir-responsabbilità għal dan l-inċident, u baqa' ma tax id-depożizzjoni tiegħu fil-proċeduri arbitrali.

16. Is-soċjetà appellanta żżid tgħid li għalkemm is-soċjetà assikurattiva Untours Insurance Agents Limited noe kienet interpellata u debitament notifikata b'żewġ ittri ġudizzjarji, din baqgħet qatt ma tat tagħrif dwar jekk fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-vettura tal-intimata kinitx koperta b'polza viġenti. L-appellanta ssostni li għalhekk mhux ġust li hija tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tas-soċjetà msejħa fil-kawża, meta kien jispetta lil din tal-

aħħar li tinforma lill-appellanta li hija ma kellha l-ebda involviment f'din il-vertenza, xi ħaġa li s-soċjetà Untours Insurance Agents naqset milli tagħmel.

## Ir-risposta tal-appell

17. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat Clive Parnis jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġusta u timmerita konferma, u li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta huwa għalkollox infondat fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandu jiġi miċħud. L-appellat Clive Parnis jagħmel riferiment għall-fatt li bid-deċiżjoni appellata ġiet akkolta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu. L-appellat spjega li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fis-27 ta' Novembru, 2011, u huwa ġie kjamat fil-kawża waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2014, filwaqt li ġie notifikat f'Ġunju, 2014. Qal li dan ifisser li huwa ġie notifikat bil-proċeduri arbitrali aktar minn sentejn u nofs wara li seħħ l-inċident, u għalhekk huwa kien eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjetà appellanta fil-konfront tiegħu huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16. L-appellat qal li mir-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta jidher li din taqbel li t-terminu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' sentejn, mhux *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, imma *ai termini* tal-artikolu 2154 tal-Kap. 16 moqri flimkien mal-artikolu 688(e) tal-Kap. 9. L-appellat Clive Parnis qal li filwaqt li t-Tribunal qies li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mid-data meta seħħ l-inċident inkwistjoni, u l-appellat jaqbel ma' dan, is-soċjetà appellanta min-naħa tagħha qiegħda tinsisti li hija saret taf li kien Clive Parnis li kien qed isuq il-Mercedes involuta fl-inċident inkwistjoni, dakinhar li xehed il-PS 928 Ramon

Mifsud Grech fil-21 ta' Mejju, 2014. L-appellat qal li l-appellanta m'għandhiex raġun tressaq dan l-aggravju, għaliex il-liġi u l-ġurisprudenza huma konkordi li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li tali azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Qal li ċ-ċirkostanza oġġettiva f'dan il-każ kienet id-data tal-inċident, irrispettivament minn x'taħseb is-soċjetà appellanta. Qal li l-mument meta twieldet l-obbligazzjoni huwa meta seħħ l-inċident, jiġifieri s-27 ta' Novembru, 2011, u kien minn hemm 'il quddiem li beda għaddej it-terminu preskrittiv. Qal li f'ċirkostanzi bħal dawn x'jaħseb l-imġarrab huwa għalkollox irrilevanti, u għalhekk is-soċjetà appellanta għandha terfa' r-responsabbiltà għall-fatt li għażlet li tipproċedi kontra Rose Parnis u mhux ukoll kontra l-appellat Clive Parnis. L-appellat qal ukoll li r-reskont fattwali mogħti mis-soċjetà appellanta mhux wieħed veritier u ma jirriflettix il-provi miġbura. Qal li minkejja li l-appellanta sostniet li hija pproċediet kontra Rose Parnis u mhux ukoll kontra tiegħu, għaliex Rose Parnis kienet *a tempo vergine* ammettiet mal-Pulizija li hija kienet ħabtet fil-vettura pparkjata, kien biss fir-risposta tagħha li din iddikjarat li ma kellha x'taqsam xejn mal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-appellat qal li dan mhux minnu, u mill-provi rriżulta li għalkemm Rose Parnis ikkonfermat jew ammettiet li kienet hi li laqtet il-vettura, mill-istess xhieda mogħtija rriżulta wkoll li wara li l-Pulizija marru d-dar tal-intimata fid-29 ta' Novembru, 2011, din kienet infurmathom li fil-ħin meta ċemplulha mill-għassa ta' San Ġiljan, hija kienet rieqda u ma kinitx taf x'inhi twieġeb, u kien għalhekk li dak il-ħin ikkonfermat li kienet hi li baqgħet dieħla fil-vettura assigurata mas-soċjetà appellanta. L-appellat qal li dan ifisser li s-soċjetà appellanta kienet taf sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri li Rose Parnis ċaħdet l-involviment tagħha fl-

inċident. L-appellat qal ukoll li s-soċjetà appellanta kienet taf li s-sid reġistrat tal-vettura kien Victor Parnis, u għalhekk setgħet tħarrek lilu sabiex iwieġeb dwar ir-responsabbilità għall-inċident. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta għandha tort għaliex għad li kellha informazzjoni dwar min kien is-sid reġistrat tal-vettura, u setgħet tħarrek lilu bħala l-persuna responsabbli għall-inċident, din għażlet li ma tagħmilx dan, u minflok għażlet li tħarrek lil Rose Parnis, li sa minn qabel inbdew il-proċeduri arbitrali ċaħdet l-involviment tagħha fl-inċident inkwistjoni. L-appellat Clive Parnis jgħid ukoll li mill-okkorrenza jirriżulta li ismu ssemma minn missieru Victor Parnis, li informa lill-Pulizija li l-vettura inkwistjoni ma kinitx fil-pussess tiegħu iżda fil-pussess ta' martu, u li kien hemm drabi meta din kienet tinstaq minn ibnu Clive. Imma għal xi raġuni s-soċjetà appellanta xorta waħda ddeċidiet li tipproċedi biss kontra Rose Parnis u mhux kontra l-appellat ukoll. L-appellat Clive Parnis qal li dawn il-fatti jindikaw li sa minn qabel inbdew il-proċeduri arbitali, is-soċjetà appellanta kienet ilha taf hu x'jismu u li possibilment seta' kien involut fl-inċident.

18. L-appellat qal ukoll li is-soċjetà appellanta ma kinitx fl-impossibilità li taġixxi b'mod li kien indipendenti mill-volontà tagħha dovut għal xi kawża estranea li ma setgħetx titneħħa, u dan għaliex l-appellanta kieku riedet, setgħet tipproċedi kemm kontra Victor Parnis bħala sid il-vettura, kif ukoll kontra l-appellat. L-appellat Clive Parnis qal li l-appellanti m'aġixxietx kontra tiegħu mill-ewwel jew minħabba traskuraġni, inkella għal xi raġuni oħra li għandha twieġeb għaliha hi, għaliex ma kien hemm l-ebda impossibilità dovuta għal xi kawża esterna li timpedixxi lill-appellanta milli tipproċedi kontra tiegħu,

u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn oġġettivament it-terminu preskrittiv ta' sentejn ma bediex jiddekorri minn dakinhar li seħħ l-inċident.

19. B'riferiment għall-aggravju dwar il-mertu, l-appellat Clive Parnis jgħid li l-unika indizju li jorbot il-vettura reġistrata f'isem Victor Parnis mal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hija nota anonima li twaħħlet mal-*windscreen* tal-vettura proprjetà tal-assikurata tas-soċjetà appellanta. L-appellat qal li din in-nota, li hija anonima, ma tistax tittieħed bħala prova u dan minħabba li apparti li mhix iffirmata, dak dikjarat fiha ma jistax jiġi kkonfermat li huwa minnu. L-appellat Clive Parnis qal li hemm ukoll dubji kbar dwar l-awtentiċità ta' din in-nota għax fiha żewġ kalligrafiji differenti, u anki għaliex minkejja li fiha kien hemm miktub li sar rapport lill-Pulizija, mill-provi jirriżulta illi ma sar l-ebda rapport minn terzi mal-Pulizija. L-appellat qal li lanqas PS 928 Ramon Mifsud Grech ma seta' jixhed dwar min kien tassew jaħti għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Mifsud Grech xehed li meta l-Pulizija marru fuq il-post kien hemm raġel li hu ma jafx min hu, li qallu li kien hemm xi ħadd b'Mercedes li beda jsuq bit-*tyres* iwerżqu, u s-sewwieq tal-Mercedes kien żagħżugħ samrani b'xagħru twil. L-appellat qal li Mifsud Grech ma ħax id-dettalji ta' din il-persuna, u minn dak li ġie rappurtat, lanqas din il-persuna ma ra l-inċident iseħħ, iżda rrimarka biss dwar il-mod kif kienet qiegħda tinstaq il-Mercedes. L-appellat qal li f'kull każ din hija *hearsay* li mhix ammissibbli, u fil-verità ħadd ma ra l-inċident iseħħ jew irrapporta dan l-inċident lill-Pulizija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat Clive Parnis fir-risposta tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju: il-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-konfront ta' Clive Parnis.*

20. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li l-azzjoni fil-konfront tal-kjamat fil-kawża Clive Parnis kienet preskritta, għaliex meta dan issejjaħ fil-kawża kienu għaddew aktar minn sentejn minn meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Is-soċjetà appellanta tistqarr li isem Clive Parnis ma rriżultax mill-okkorrenza tal-Pulizija, u kien biss waqt id-depożizzjoni tas-Surġent Ramon Mifsud Grech li ssemma' isem Clive Parnis għall-ewwel darba. L-appellat Clive Parnis jgħid li s-soċjetà appellanta kienet ilha taf li l-vettura inkwistjoni hija proprjetà ta' Victor Parnis, għalkemm kienet fil-pussess ta' martu u possibilment kienet tinstaq minn ibnu ukoll, u dawn id-dettalji jirriżultaw mill-okkorrenza tal-Pulizija.

21. Tqis li fir-rapport tal-Pulizija datat 10 ta' Jannar, 2012, hemm indikazzjoni ċara li l-Pulizija kienu ġew infurmati minn Victor Parnis li minkejja li l-vettura allegatament involuta fl-inċident hija proprjetà tiegħu, din kienet tinsab fil-pussess ta' martu Rose Parnis, u din il-vettura ġieli kienet tinstaq minn ibnu Clive Parnis. Mill-kopja tal-okkorrenza jirriżulta wkoll li Clive Parnis

ġie identifikat b'ismu, u li l-Pulizija kienu bagħtu għalih diversi drabi biex imur l-Għassa b'rabta mal-inċident, imma ma kienx mar. Jirriżulta għalhekk li s-soċjetà appellanta kienet ilha taf bl-ismijiet tal-persuni li possibilment setgħu kkawżaw l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, għaliex kopja tal-okkorrenza ġiet ippreżentata mis-soċjeta appellanta flimkien mal-Avviż tat-Talba quddiem it-Tribunal.

22. Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-perijodu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' sentejn, imma s-soċjetà appellanta mhijiex korretta meta tgħid li hija ma kellhiex mezz kif issir taf li s-sewwieq tal-vettura Mercedes seta' possibilment kien Clive Parnis, għaliex ismu kien indikat fl-okkorrenza esebita. Ċertament li ma kienx hemm il-ħtieġa li jixhed is-Surġent Ramon Mifsud Grech sabiex jikkonferma li possibbilment il-vettura inkwistjoni kienet qiegħda tinstaq minn Clive Parnis peress li d-deskrizzjoni tas-sewwieq tal-Mercedes li ta l-*passer-by* kienet taqbel ma' Clive Parnis. Għaldaqstant il-Qorti mhijiex tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta għaliex jirriżulta li din kienet ilha taf li Clive Parnis seta' possibilment kien involut f'dan l-inċident, imma minkejja dan xorta waħda għażlet li tipproċedi kontra Rose Parnis waħedha. Kien biss waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2014, li s-soċjetà appellanta għamlet talba *seduta stante* għall-kjamata fil-kawża ta' Clive Parnis, u dan meta jirriżulta li l-appellanta setgħet teżerċita d-dritt li titlob is-sejħa tiegħu fil-kawża ferm qabel għaliex kienet ilha taf mill-okkorrenza li Victor Parnis kien qal lill-Pulizija li Clive Parnis ġieli saq il-Mercedes.

Din il-Qorti diversament preseduta f'deċiżjoni fl-ismijiet **Mohnani *vs.* Stivala** deċiża fil-11 ta' Ġunju 2010, kitbet illi,

> "... jibda biex jiġi reġistrat illi kif jingħad fl-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tkun tmiss."

Il-Qorti tal-Appell Superjuri f'deċiżjoni fl-ismijiet **Raphael Micallef *vs.* Anthony Agius,** tas-6 ta' Ottubru, 2020, qalet hekk:

> "... it-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe jekk din kinitx f'kundizzjoni jew le li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni."

23. Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema legali tagħna l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li toriġina l-obbligazzjoni, u jitwieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali. Din il-Qorti tirrileva wkoll li ladarba qiegħed jiġi miċħud l-aggravju tal-appellanta rigward il-preskrizzjoni fil-konfront tal-kjamat fil-kawża, m'hemmx għalfejn li jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellat b'rabta mal-mertu tal-każ.

*It-tieni aggravju:* *il-kundanna tas-soċjetà appellanta għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji tas-soċjetà kjamata fil-kawża Untours Insurance Agents Limited noe*

24. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ma kellhiex tiġi kkundannata għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji relatati mat-talba għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà Untours Insurance Agents Limited, għaliex din is-soċjetà kienet ġiet

interpellata u debitament notifikata b'żewġ ittri ġudizzjarji, iżda baqgħet ma tatx tagħrif dwar jekk il-vettura Mercedes kinitx koperta b'polza tal-assikurazzjoni maħruġa minnha. Il-Qorti tqis li mill-okkorrenza tal-Pulizija jirriżulta li meta l-Pulizija marru fir-residenza ta' Rose Parnis u dehret sorpriża għaliex il-Mercedes ma kinitx fid-*drive-in* tad-dar tagħha, il-Pulizija mill-ewwel irrimarkaw fl-okkorrenza li dan seta' ġara għax il-vettura inkwistjoni kellha l-liċenzja mhux imħallsa u ma kinitx assigurata. Is-soċjetà appellanta għalhekk kellha l-obbligu li tagħmel il-verifiki tagħha biex tistabbilixxi jekk il-Mercedes kinitx assigurata qabel talbet il-kjamata fil-kawża tas-soċjetà tal-assikurazzjoni Untours għaliex f'xi żmien il-Mercedes kienet assikurata magħha. Dan mhuwiex każ, kif issuġġeriet is-soċjetà appellanta, fejn il-kjamata fil-kawża ppruvat tiżvija lit-Tribunal jew lill-parti l-oħra fil-proċeduri, imma huwa każ fejn il-kjamata fil-kawża naqset milli tirrispondi għal interpellazzjoni li saritilha għaliex ma kellhiex għal xiex twieġeb. Huwa prinċipju assodat fil-liġi proċedurali tagħna li f'sentenza definittiva il-parti telliefa għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż u għalhekk f'ċirkostanzi fejn parti fil-proċeduri ma seħħilhiex tipprova li l-parti msejħa minnha fil-proċess arbitrali, kellha għalxiex twieġeb f'dak il-proċess, il-parti telliefa għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relattivi għal dik il-kjamata.

Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju wkoll mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħad l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta u tikkonferma l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk ta' dan l-appell ikunu wkoll a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**